**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 202/18 AL

AB

u

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u z-zwieg taghhom gie irregistrat fir-registru pubbliku ta' Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness) bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel, L, li twieled fid-29 ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Illi l-paritjiet isseparaw *ex lege* permezz ta' Kuntratt Pubbliku datat 24 ta' April 2018 fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia (hawn ezebit bhala Dok. B).

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u qeghdin fil-process li jiffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarja;

Illi ir-rikorrenti A B  dejjem hallas il-manteniment ghal minuri u CB m'ghandha l-ebda pretensjoni kontrih;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tal-partijiet hawn anness bhala Dok. C .

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66A *et seq* tal-Codici Civili;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat illi ir-rikorrenti CB fl-affidavit taghha iddikjarat li tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Futatsumori'.  Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni necessarja f'dan ir-rigward;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-24 ta' April 2018 u de facto separati minn Jannar 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'Futatsumori', qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.